MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 50/2015

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Dolores De Battista (ID 26724A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici datat 23 ta' Jannar, 2015 fejn eccepixxew:

Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u wiehed u sittin Ewro u tlieta u erbghin centezmi (€961.43c) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC40140327).

Illi ‘nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta in Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 3254/11, u bl-imghaxijiet legali sa mit-23 t’Awwissu, 2011, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Dokumenti Mehmuza:

Dok A – Prospett

Dok B – Kuntratt

Dok C – Estratt Registru Elettorali

Dok D – Ittra Ufficjali 3254/11

Dok E – Traduzzjoni tat-Talba

Ra l-verbal datat 16 ta’ Gunju, 2015 fejn thalliet ghas-Sentenza.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-16 ta’ Gunju, 2015 mill-Avukat Dr Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal ihoss illi t-talba giet sufficjentament ippruvata u l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqtstant jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba fl-ammont ta' disa' mija u wiehed u sittin Ewro u tlieta u erbghin centezmi (€961.43c) bl-imghax u bl-ispejjez hekk kif indikati fl-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------